**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

# Minuti tas-seduta disgħa u erbgħin (49) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar id-19 ta' Mejju 2022 fis-6:00pm, fi 34 Triq Inguanez, ir-Rabat

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Nota: Il-Kunsill bħalissa hu kompost minn tmien kunsillieri peress li is-Sur Ian Vassallo qed jimla' s-siġġu ta' membru parlamentari.

49.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u ittri ta' apoloġija
Il-kunsillieri qalu t-talba u ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

49.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u erbgħin (47)** — Minuti tas-seduti 47 u 48

49.02.01 Il-minuti tas-seduti numri sebgħa u erbgħin u tmienja u erbgħin kienu mogħtija mal-agenda, ikkunsidrati u approvati wara li kienu meħuda b'moqrija hekk kif proposti mis-Sindku u ssekondati mis-Sur Chris Farrugia. Dawn kienu approvati b'vot unanimu.

**Punti mil-Minuti**

49.02.03 Issemmiet l-inizjattiva fejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat qed jisponsorja d-diploma tas-Sinjura Fabienne Vassallo. Il-KLR talab lis-SE sabiex jagħmel draft ta' kuntratt fejn din se tkun marbuta għal numru ta' snin biex tibqa' sservi fil-KLR. — Kuntratt tas-Sra Fabienne Vassallo

49.02.04 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-kuntratt li kellu is-Sur Paul Grech li kien misluf magħna. Hu qal illi issa dan intalab imur lura fejn kien mis-Segretarju Permanenti, u ma jibqax fil-KLR. Is-Sur Paul Grech m'għadux iżjed jirrapporta għax-xogħol fil-Kunsill tar-Rabat. Is-Sindku semma' li dan ser jaffettwa sew l-andament tax-xogħol peress li s-Sur Grech kien ferm utli. — Il-kuntratt tas-Sur Paul Grech

49.02.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippropona illi jsir re-launching tal-ktieb Rabat tas-Sra Pauline Dingli. Se jsiru l-arranġamenti biex dan isir fil-Muniċipju stess. Il-Kunsill approva. — Re-launch tal-ktieb Rabat

49.02.06 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi kontra qalbna se jkollna nwaqqfu l-kuntratt tan-Non Urban Cleaning minħabba diversi insistenzi li qed jagħmlu l-ERA u l-ambjentalisti tan-naħħala, Malta. Se tintbgħat notifika lill-kuntrattur dalwaqt bi qbil bejn il-kunsillieri kollha f'impenn biex nipproteġu n-naħla. Il-Kunsill approva. — Non Urban Roads Cleaning

49.02.07 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi ninsabu f'arranġamenti ma' Heritage Malta biex nikru art viċin il-katakombi tad-Dejr. Hemm wesgħa li tista' tintuża bħala garage u qed naraw kif nisgħu nirranġawha ħa sservi biex inqegħdu l-għodda u l-affarijiet li nużaw kuljum.. — Garage fi Triq Ġużeppi Depiro

49.02.08 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar l-overtime tal-Handyman. Hu qal illi dan se jibda' jingħata biss minn qabel għal raġunijiet straordinarji biss u mhux bħala r-regola tal-ġurnata. Il-Kunsill approva.

*		Daħal għal-laqgħa is-Sur Nazju Cassar fis-6.30pm.

49.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 335 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 54**
Iċ-ċedola u l-Works / Purchase Order fuq imsemmija kienu approvati b'vot unanimu.
Ċedola tal-Pagamenti 335 u Works/Purchses Orders 54

49.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**
Mistoqsijiet

49.04.01 Is-Sur Rudolph Grima talab illi l-Perita Elena Borg Costanzi tieħu l-każ tal-propost skedar tal-propjetajiet kif kien miftiehem mal-Perit Charles Buhagiar f'idejha. Dan għaliex issa ilna wisq li konna għamilna t-talba u din l-istess talba baqgħet ma ġietx sottomessa lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Is-Sindku talab lis-Sur Grima biex jagħmel kuntatt mal-Perit Borg Costanzi u mmexxu minn hemm.
Perita Elena Borg Costanzi 99441232

**49.05** **Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jissieħeb fil-proġett Binġemma Necropolis (mhux partner) ma' entitajiet oħra Ewropej**
Il-Kunsill se jissieħeb u jagħti is-sostenn tiegħu kollu f'dak li hu kultura u kuxjenza għall-patrimonju Rabti u Malti.
**Binġemma Necropolis**

49.06 **Biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat jissieħeb fi proġett pilota biex jibda' jinġabar l-iskart WEEE bieb bieb mill-Iskema Green Mt mingħajr ħlas**
Il-Kunsill iddeċieda illi ma jidħolx għal din il-proposta minħabba l-problemi kbar li għandna fil-ġbir tal-ħġieġ.
Ġbir tal-WEEE

49.07 **Minuti ta' laqgħa mal-Pulizija (Supritendent, Distrett u dawk tal-Komunità) tad-19 t'April 2022.**
Dawn kienu provduti u kienu approvati wkoll. Il-laqgħa nżammet eżatt qabel il-festa ta' San Ġużepp.
Laqgħa mas-Supritendent

49.08 **Default Notices: WM Environmental dwar ġbir ta' skart**
Kienu diskussa d-default notices li intbgħatu mil-Kunsill Lokali tar-Rabat lill-kuntrattur minħabba nuqqasijiet fl-operat. Hawn intqal illi mhux tollerabbli li jitħallew boroż li suppost ikunu inġabru matul dik il-ġurnata u dawn jibqgħu jistennew sal-għada.
Default Notices

49.09 **Proposti tibdil fit-terms & conditions tal-kuntratt tal-Knis tat-toroq**
Il-KLR qabel mal-proposta fit-tnaqqis ta' żewġ kenniesa biex il-kont jibda jitnaqqas, filwaqt li faħħar il-ħidma tagħhom speċjalment fil-festa ta' San Ġużepp għaliex minkejja li kien hemm ħafna xogħol bil-ġbir tal-karti li tefgħu fil-festa, xorta waħda tnaddfu t-toroq sewwa bejn tmiem il-marċ tas-Siegħa u l-ħruġ tal-Purċissjoni.
Knis tat-toroq

49.10 **Proposta ta' ffirmar ta' Memorandum mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta mal-Kunsill Lokali tar-Rabat biex ma jinqatax il-ħaxix ħażin bl-eċċezzjonijiet li jixtieq il-Kunsill (inqas minn 20% tal-passaġġi rurali) bejn it-30 ta' Novembru u l-31 ta' Mejju ta' kull sena. https://www.youtube.com/watch?v=makZ-HdL7Ow**
Il-Kunsill iddeċieda illi ma jidħolx għal din il-proposta minħabba l-biża illi speċjalment f'toroq dojoq fil-kampanja fil-kantunieri dan jipperikola ħajjet is-sewwieqa minħabba ostakolu. Madankollu xorta għandna nkunu konxji biex nissalvagwardjaw in-naħla.
Proposta min-Naħħala Malta

49.11 **Ftehim mal-Awtorità tal-Ippjanar – Irrestawra l-Faċċata**
Kien approvat il-ftehim li pproponiet l-Awtorità tal-Ippjanar biex nirrestawraw il-faċċata tal-Muniċipju fi Triq l-Isptar. Il-KLR se jiggwadanja minn madwar €10,000.00
Irrestawra l-Faċċata

49.12 **Ħarġa għal Għawdex**
Is-Sindku u s-SE qalu illi l-ħarġa għal Għawdex kienet suċċess. Is-Sra Doris Coleiro qalet illi nhar ta' Erbgħa jkun hemm id-Day Centre tal-Anzjani miftuħ. Għaldaqstant hu suġġeribbli li ssir attività f'ġurnata oħra matul il-ġimgħa. Il-punt ittieħed u fil-futur se jkunu ppjanati attivitajiet li ma jaħbtux ma dawk ta' ħaddieħor. Pero' intqal ukoll illi din l-attività saret l-Erbgħa għax l-Arċipriet ma kellux tberik u dan kien importanti biex iqaddes fis-Santwarju Ta' Pinu.
Ħarġa għal Għawdex

49.13 **Nomini ta' evalwaturi għall-offereta pubblika tal-Gym Equipment u tal-Playing Field Equipment gi Ġnien Bir Iljun**.
Peress li għalqu l-offerti tal-gym u playing fields equipment, is-SE kien awtorizzat isib avukat u żewġ periti biex ipoġġu fuq il-bord ta' evalwazzjoni bis-Sinjura Roberta Galea tkun iċ-Ċerpersin ta' dawn iż-żewġ bordijiet. Dan it-tagħmir se jkun imwaħħal fi Ġnien Bir Iljun fejn kien hemm anke l-proposta sabiex dejjem jekk inhu possibbli jkun installat ilma ġieri
Evalwaturi Gym u Play Equipment

49.14 **Fuljett (Newsletter) – Ir-Rabat 12; approvazzjoni tal-artikli.** Rabta 12

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, ħeġġeġ lill-kunsillieri illi jibgħatu l-artikli tagħhom għat-tnax-il ħarġa tar-Rabta.

49.15 **Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart mir-Reġjun (dettalji tal-Kunsill Lokali tar-Rabat)** Kuntratt Konġunt Ġbir ta' Skart

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-SE taw rendikont tal-laqgħat li saru nkluż dik li saret fl-uffiċċju tagħna mill-Waste Manager tar-Reġjun dwar kuntratt konġunt ma lokalitajiet oħra, minkejja li aħna ftit xettiċi minn kif se jibda jopera. Intqal illi m'għandniex għażla iżda dik li nissieħbu magħhom.

49.16 **SPI/SCI/5/2022 ; Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.** Manutenzjuoni fuq funtani

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel illi jara illi l-funtana ta' Triq il-Kulleġġ terġa' tibda taħdem. Għaldaqstant il-Perit Charles Buhagiar se jkun qed jagħtina l-BOQ tal-funtana ta' fejn il-latrina pubblika viċin l-iskola.

49.17 **Identifikazzjoni ta' sit għar-Reverse Vending Machine (makna li ssarraf il-fliexken vojta fi flus)** Reverse Vending Machines

Kien identifikat il-post fi Triq Bużugrilla bejn il-Mogħdija tal-Faqqiegħ u Triq l-Iskultura, minkejja li kien propost li din titpoġġa fl-Għalqa ta' Kola fil-parkeġġ. Dan għaliex il-Kunsill hu konxju illi fis-sit propost kien se jinħoloq inkonvenjent u mhux post addattat għal dan il-għan.

49.18 **Punti Oħra** Punti Oħra

49.18.01 Is-Sra Doris Coleiro qalet illi l-arbli tad-dawl tat-toroq/elettriku fi Triq Sant Aristarku kantuniera ma Triq Vincenzo Ciappara għadhom immejlin minkejja li konna irrappurtajnihom lill-Korporazzjoni Enemalta. Is-SE se jibgħatilhom reminder peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kompetenza diretta tal-Kunsill. Arbli mgħawġin

49.18.02 Is-Sra Janice Busuttil ilmentat minn *gap* li hemm viċin it-taraġ fil-Pjazza ta' Għeriexem, għaliex fil-proġett il-ġdid li għamel il-Gvern, f'dan is-sit qalet li għamlu pipe kbir u mhux madum. Se naraw id-dettalji ta' dan l-ilment. Gap fil-pavimentar ta' Għeriexem

49.18.03 Kienet suġġerita *Fashion Week* mis-Sinjura Janice Busuttil. In vista illi għandna wkoll Jum ir-Rabat kif ukoll ir-Re-Enactment, se ssir laqgħa apposta biex niddiskutu dawn l-attivitajiet. Sadanittant bdew jintbagħtu l-ittri biex naraw jekk Jum ir-Rabat hux se jkun taħt il-Patroċinju tal-Onor Owen Bonnici, Ministru tal-Kultura u Gvern Lokali u jekk jistax isir quddiem il-Parroċċa; permezz ta' ittra lill-Arċipriet. Kien miftiehem il-ħin u l-ġurnata tal-laqgħa li se ssir apposta bejn il-kunsillieri responsabbli mil-kultura. S'issa d-data definittiva hija dik ta' Jum ir-Rabat fit-2 ta' Settembru li se jkun il-Ġimgħa – ġurnata idejali. Fashion Week, Jum ir-Rabat Re-enactment

49.18.04 Kienet diskussa proposta li ssir ir-rikostruzzjoni ta' taraġ żgħir fi Triq San Patrizju. Taraġ fi Triq San Patrizju

49.18.05 Is-Sur Chris Farrugia tkellem dwar il-bżonn li fi Triq Mons Buhagiar isiru l-parking bays minħabba li qed jinħela ħafna parkeġġ bil-vetturi pparkjati spazjati u ħażin. Se naraw kemm jidħlu parkeġġi billi nagħmlu użu massimu tas-sit. Parkeġġi fi Triq Mons Buhagiar.

49.18.06 Dwar il-ftehim man-*Notebook Centre* biex il-Kunsill iħallas €5,900 biex il-pubbliku jkun jista' jagħmel f*ormat* lill-Computer tiegħu, id-deċiżjoni baqgħet dik li ttieħdet fil-laqgħat preċedenti, illi ma jidħolx għaliha din is-sena minħabba *budget constraints*. Hawn intqal illi kien bagħat jgħidilna illi f'sena għamel *format* lill-649 *computer* mir-Rabat. Notebook Centre

49.19 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-15 ta' Ġunju u din intemmet fit-8.15pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 15 ta' Ġunju 2022 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku